A.L. 201 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw l-Erabtax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Erbatax-il Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

Jenumera mill-ġdid il-partiti 5 sa 11 ta' l-Iskeda.

2. Il-partiti 5 sa 11 ta' l-Iskeda għandhom jiġu enumerati mill-ġdid 7 sa 13 rispettivament.

Iżid il-partita 5 ġdida ma' l-Iskeda.

3. Minnufih wara l-partita 4 ta' l-Iskeda għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"Provvisti minn pompi ta' petrol biċ-ċomb, petrol mingħajr ċomb u diesel (gas) oil

5. (1) Min jagħmel provvista minn pompi, barra minn pompi awtomatiċi, ta' petrol biċ-ċomb, petrol mingħajr ċomb u diesel (gas) oil ma għandux jenħtieġ li joħroġ riċevuta fiskali għal kull tali provvista jekk huwa joħroġ riċevuta fiskali waħda (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din il-partita msejħa "riċevuta ta' kuljum") li tkun prova ta' dawk il-provvisti kollha magħmulin f'kull jum bil-mod preskritt fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-partita.

(2) Riċevuta ta' kuljum tkun riċevuta fiskali li tagħti kont għall-imsemmija provvisti kollha ta' dak il-jum bħallikieku kienu oġġetti provvisti f'konsenja waħda.

(3) Persuna li toħroġ riċevuta ta' kuljum għandha żżomm l-oriġinal ta' dawk ir-riċevuti flimkien mar-*records* l-oħra li tkun meħtieġa żżomm għall-għanijiet ta' dan l-Att.

(4) Persuna li toħroġ riċevuta ta' kuljum tkun meħtieġa li toħroġ riċevuti fiskali skond il-partiti l-oħra ta' din l-Iskeda dwar kull provvista li ma tissemiex f'din il-partita.".

Iżid il-partita 6 ġdida ma' l-Iskeda.

4. Minnufih wara l-partita 5 ta' l-Iskeda għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"Provvista ta' ikel u xorb minn canteen li jkun jinsab f'area tax-xogħol jew studju

6. (1) Persuna li tagħmel provvista ta' ikel u xorb minn *canteen* li jkun jinsab f'area tax-xogħol jew studju tista' tapplika bil-miktub għand il-Kummissarju għal awtorizzazzjoni biex toħroġ riċevuta fiskali waħda dwar il-provvista ta' ikel u riċevuta fiskali oħra dwar il-provvista ta' xorb (kull tali riċevuta hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din il-partita msejħa "riċevuta ta' kuljum") liema riċevuta ta' kuljum tkun prova ta' dawk il-provvisti separati kollha magħmulin f'kull jum bil-mod preskritt fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-partita.

(2) Riċevuti ta' kuljum ikunu riċevuti fiskali li jagħtu kont għall-imsemmija provvisti separati kollha ta' dak il-jum bħallikieku dawk l-oġġetti kienu provvisti f'żewġ konsenji separati waħda dwar ikel u l-oħra dwar xorb.

(3) Il-Kummissarju jista', b'avviż bil-miktub, f'kull żmien jirtira dik l-awtorizzazzjoni mingħajr ma jagħti ebda raġuni.

(4) Persuna li toħroġ riċevuti ta' kuljum għandha żżomm l-oriġinal ta' dawk ir-riċevuti flimkien mar-*records* l-oħra li tkun meħtieġa żżomm għall-għanijiet ta' dan l-Att.

(5) Persuna li toħroġ riċevuti ta' kuljum tkun meħtieġa li toħroġ ricevuti fiskali skond il-partiti l-oħra ta' din l-Iskeda dwar kull provvista li ma tissemiex f'din il-partita.".